

Brussell, 13 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9116/1/26
REV 1

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0068 (COD)

COMPET 555
IND 326
MI 454
MAP 105
FDI 11
TRANS 299
CLIMA 254
ENV 486
ENER 239
ECOFIN 602
UD 136
POLCOM 170
CODEC 875

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	<i>Thejġja tal-Kunsill Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju) tat-28 ta' Mejju 2026</i> L-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali: kif l-aħjar li jiġi sfruttat l-aċċess għas-Suq Uniku permezz tal-preferenza Ewropea u r-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju <i>- Dibattitu ta' orjentazzjoni</i>

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż nota ta' informazzjoni mill-Presidenza dwar "L-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali: kif l-aħjar li jiġi sfruttat l-aċċess għas-Suq Uniku permezz tal-preferenza Ewropea u r-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju" bil-ħsieb tad-dibattitu ta' orjentazzjoni fil-Kunsill Kompetittività tat-28 ta' Mejju 2026.

L-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali (IAA): kif l-aħjar li jġi sfruttat l-aċċess għas-Suq Uniku permezz tal-preferenza Ewropea u r-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju

Kuntest

Fl-2024 is-settur tal-manifattura tal-UE kien jirrappreżenta 18.3% tal-impjieg tal-UE (jew 30 miljun persuna) u 14.3% tal-PDG tal-UE, filwaqt li ġġenera wkoll 26.2% tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-UE. Għaldaqstant huwa għandu rwol ċentrali fil-prospertà ekonomika, l-awtonomija strateġika u l-kisba tal-oġġettivi klimatiċi tal-Unjoni.

Minkejja l-importanza ekonomika tas-settur tal-manifattura, is-sehem tiegħu tal-PDG naqas matul l-aħħar deċennji minn 17.4% fl-2000 għal 14.3% fl-2024. Is-settur ilu jiffaċċa sfidi li jirriżultaw minn prezzijiet tal-enerġija persistentement għoljin, kapaċitajiet żejda fil-livell globali, kompetizzjoni internazzjonali mxejja, kostijiet kapitali u operazzjonali għoljin għad-dekarbonizzazzjoni, ostakli regolatorji kif ukoll proċeduri tal-għoti tal-permessi twal u imprevedibbli. Dawn il-fatturi kollha kemm huma jipperikolaw il-kompetittività u l-kapaċità tiegħu fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni.

B'riżultat ta' dan, il-volumi tal-produzzjoni fl-industriji intensivi fl-enerġija, pereżempju, naqsu bi kważi 20% mill-2019, ferm aktar milli f'setturi oħra tal-manifattura, b'xi kapaċità tal-produzzjoni tibqa' mhux uttilizzata biżżejjed u b'rata mhux profittabbli. Mingħajr azzjoni urġenti biex titreġġa' lura x-xejra, l-UE ser tiddekarbonizza permezz tad-deindustrijalizzazzjoni.

It-teknoloġiji nodfa jiffaċċjaw ukoll sfidi f'termini ta' kompetittività u vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista. Fost 15-il teknoloġija nadifa ewlenija, il-batteriji, il-moduli fotovoltajċi solari (PV) u l-manifattura taċ-ċelloli huma t-teknoloġiji li fihom l-UE hija l-inqas kompetittiva meta mqabbla mal-bqija tad-dinja, billi timporta madwar 50% tad-domanda tagħha għall-batteriji u 94% tad-domanda tagħha għall-moduli u ċ-ċelloli fotovoltajċi solari miċ-Ċina.

Sfida kompetittiva simili hija evidenti wkoll f'diversi ktajjen tal-provvista downstream. Pereżempju, minkejja d-dazji kumpensatorji introdotti fuq il-vetturi elettriċi bil-batterija Ċiniżi mit-30 ta' Ottubru 2024, il-bilanċ kummerċjali maċ-Ċina fuq il-vetturi tal-passiġġieri sar negattiv fl-2025 (EUR 1.2 biljun fl-ewwel nofs tas-sena). Barra minn hekk, l-importazzjonijiet ta' parts tal-karozzi miċ-Ċina żdiedu b'madwar EUR 4 biljun bejn l-2021 u l-2025 (+66%) – meta mqabbla ma' tnaqqis fl-esportazzjonijiet lejn iċ-Ċina ta' madwar 50%. Dan huwa dovut għal differenza fil-prezz ta' 30-35 % bejn il-prodotti Ewropej u Ċiniżi. Din ix-xejra tidher li qed taċċellera. Diġà tħabbru 76 000 telf ta' impjiegi fost il-fornituri tal-karozzi, u sa 50% tal-produzzjoni tinsab f'riskju fil-ħames snin li ġejjin.

Biex jiġu indirizzati dawn ix-xejriet, il-proposta għal Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali (IAA), adottata fl-4 ta' Marzu 2026, tistabbilixxi qafas ta' miżuri biex jiġu aċċellerati l-kapaċità industrijali u d-dekarbonizzazzjoni f'setturi strateġiċi, filwaqt li jissaħħu r-reżiljenza u l-prosperità fit-tul tal-UE.

L-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali: l-introduzzjoni tal-preferenza Ewropea u r-rekwiżiti ta' livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju mmirati b'appoġġ għal setturi strateġiċi

Il-proposta tinkludi tliet **pilastru ewlenin**: spinta lid-domanda biex jinħolqu swieq ewlenin għal prodotti nodfa, l-isfruttament tas-setgħa tas-Suq Uniku biex jiġu attirati investimenti barranin ta' kwalità u l-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel pilastru, l-IAA jstabbilixxi qafas għall-iżvilupp ta' swieq ewlenin għal prodotti industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u prodotti fl-Unjoni. Din l-inizjattiva għandha l-għan li tindirizza d-domanda limitata li xxekkel iż-żieda fil-produzzjoni u tipprevjeni l-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni. Dan jinkiseb billi tiġi sfruttata l-iskala tas-Suq Uniku u tiżdied id-domanda għall-prodotti ffinanzjata minn intervent pubbliku (akkwist pubbliku, irkanti, u skemi ta' appoġġ pubbliku). Skont il-Memorandum ta' Spjegazzjoni tal-Kummissjoni, il-miżuri proposti jirriflettu x-xejriet internazzjonali u jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali tal-UE billi jestendu l-kunċett ta' oriġini mill-Unjoni għal prodotti manifatturati f'pajjiżi li magħhom l-UE kkonkludiet ftehim li jstabbilixxi żona ta' kummerċ ħieles jew unjoni doganali. L-aċċess għall-proċeduri ta' akkwist pubbliku jingħata biss lil offerenti minn pajjiżi b'aċċess garantit.

Il-proposta tintroduċi rekwiżiti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u/jew tal-orġini mill-Unjoni għal prodotti magħżula f'setturi strateġiċi, inkluż:

- L-azzar, is-siment (permezz tal-konkrit u t-tajn) u l-aluminju meta jintużaw fis-setturi tal-kostruzzjoni u tal-karozzi;
- Vetturi elettriċi, ibridi u b'ċelloli tal-fjuwil u komponenti ewlenin;
- Firxa ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti.

Dawn ir-rekwiżiti orizzontali jorbtu l-IAA ma' proposti leġiżlattivi oħra li jinsabu għaddejjin bħalissa fejn jintużaw kunċetti bħal dawn, bħall-proposta dwar ir-reviżjoni tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet u l-proposta dwar vetturi korporattivi nodfa. Dawn japplikaw fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, fl-irkanti, u fl-iskemi ta' appoġġ pubbliku. Sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet amministrattivi eċċessivi fuq l-operaturi ekonomiċi li jipparteċipaw fi proċeduri ta' akkwist koperti mill-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, il-konformità tiġi vverifikata permezz ta' sistema ta' awtodikjarazzjoni. Dan l-approċċ jiżgura l-allinjament mal-oqfsa eżistenti tal-akkwist pubbliku filwaqt li jillimita l-iskrutinju għall-operaturi li jkunu ngħataw kuntratt.

Fir-rigward tat-teknoloġiji nodfa, ir-rekwiżiti tal-orġini mill-Unjoni jiġu introdotti permezz ta' emendi għall-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti¹, li jiżguraw l-integrazzjoni sħiħa tagħhom f'dak il-qafas. Fil-prattika, il-gwida eżistenti, bħal dik dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Att², flimkien mal-esperjenza ta' implimentazzjoni rilevanti, inkluż fl-applikazzjoni tar-regoli tal-orġini, jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva ta' dawn ir-rekwiżiti.

¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiġh tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724.

² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2024/1735 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tiġh tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (NZIA).

Dan il-qafas għandu l-għan li jgħid sinjali tad-domanda prevedibbli għal prodotti industrijali b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju filwaqt li jsaħħaħ il-kapaċità tal-manifattura tal-UE u jsaħħaħ il-ktajjen tal-valur strateġiċi f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Draghi³.

L-approċċ għandu fil-mira tiegħu setturi strateġiċi fejn il-kostijiet tad-dekarbonizzazzjoni huma għoljin, u, mingħajr l-azzjonijiet proposti fl-Att għall-Aċċellerazzjoni Industrijali, l-impatti fuq il-prezzijiet downstream ikunu sinifikanti, b'mod li jżid ir-riskju ta' fallimenti tas-suq. Huwa inkorporat ukoll f'aġenda għas-simplifikazzjoni, li tirrazzjonalizza r-regoli u l-proċeduri eżistenti kull fejn possibbli u tibni fuqhom fejn meħtieġ.

Fir-rigward **tat-tieni pilastru**, il-proposta tistabbilixxi kundizzjonijiet ċari għall-investimenti barranin li jaqbu EUR 100 miljun f'setturi emerġenti (batteriji, vetturi elettriċi, fotovoltajċi u materja prima kritika) biex jiġi żgurat li dawn l-investimenti jġġeneraw valur miżjud tanġibbli, inkluż il-ħolqien ta' impjiegi lokali ta' kwalità għolja, il-promozzjoni tal-innovazzjoni u integrazzjoni aktar b'saħħitha fil-ktajjen tal-valur Ewropej. Fl-istess ħin, tfittex tiżgura bilanċ xieraq bejn il-pilastri differenti tal-inizjattiva sabiex tippreserva l-attraenza tal-Unjoni għall-investimenti strateġiċi filwaqt li ttaffi r-riskju ta' devjazzjoni tal-investment lejn pajjiżi sħab li jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-Suq Uniku.

Taħt **it-tielet pilastru**, il-proposta tissimplifika u tiddiġitalizza l-proċess tal-permessi għall-proġetti tal-manifattura permezz ta' approċċ ta' "proġett wieħed, proċedura diġitali waħda". Taċċellera wkoll il-qafas tal-għoti tal-permessi għal proġetti għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji intensivi fl-enerġija u tappoġġa l-iżvilupp ta' raggruppamenti industrijali billi tindika żoni ta' aċċellerazzjoni industrijali ddedikati f'kull Stat Membru.

³ Draghi, M. (2024). [The future of European competitiveness – In-depth analysis and recommendations \(Part B\)](#) (Il-futur tal-kompetittività Ewropea – Analiżi fil-fond u rakkomandazzjonijiet (Parti B) – mhux disponibbli bil-Malti).

Mistoqsijiet għad-diskussjoni

- Il-miżuri fil-qafas propost huma biżżejjed, fil-fehma tiegħek, biex iwasslu għal aċċellerazzjoni tal-kapaċità industrijali u d-dekarbonizzazzjoni f'setturi strateġiċi fl-UE filwaqt li jipprovdu wkoll sinjali ta' domanda b'saħħithom biżżejjed u ċertezza tal-investiment sabiex tiġi restawrata l-kompetittività tal-industriji strateġiċi tal-UE?
 - Taħseb li l-kriterji mmirati proposti fir-rigward tal-preferenza Ewropea u l-livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-infiq pubbliku jistgħu jappoġġaw b'mod effettiv setturi strateġiċi fil-preservazzjoni u l-espansjoni tal-kapaċità tal-manifattura fl-UE, b'piż amministrattiv addizzjonali minimu?
-